MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru 1373/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**

**vs**

**Marvin Mackay**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Marvin Mackay ta’ 36 sena, bin Anthony u Catherine nee’ Grech, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Novembru 1974 u residenti f’Marlon, Triq il-Wejba, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 563574(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Bejn Lulju 2008 u Settembru 2010, f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz,

jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn, u tnejn u tletin Ewro u 94 centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn, tlett mija, u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Vladimir Borg (Import/Export) Limited (C 3062) jew/ u ta' Miracle Foods sitwat fi Triq Swieqi, Swieqi;

2. F'Lulju 2008, f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika ordni jew document illi meta jigi prezentat wiehed jista' jircievi bih hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; u xjentement ghamel uzu ta' din l-ordni jew document;

3. F'Lulju 2008, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u xjentement ghamel uzu minn dan l-att, kitba jew skrittura falza.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Dicembru 2010 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-

proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa kkopera fil-kors tal-investigazzjoni u kkunsidrat ukoll li t-tieni imputazzjoni kienet mezz ghall-fini ta' l-ewwel imputazzjoni u kkunsidrat ukoll li l-parti leza giet rimborsata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(b), 167(1), 169, 183 u 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundanna lill-imputat tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------